

32006R0410

10.3.2006

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 71/7

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 410/2006

tad-9 ta' Marzu 2006

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1291/2000 li jistabbilixxi regoli komuni ddetaljati għall-applikazzjoni tas-sistema ta' liċenzji ta' importazzjoni u esportazzjoni u ta' ċertifikati ta' arranġament minn qabel għall-prodotti agrikoli

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1255/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-ħalib u l-prodotti tal-ħalib ⁽¹⁾, u b' mod partikolari l-Artikolu 26(3) tiegħu,

Billi:

- (1) L-Artikolu 1(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 174/1999 tas-26 ta' Jannar 1999 li jistabbilixxi regoli speċjali fid-dettall għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 804/68 dwar il-liċenzji ta' esportazzjoni u r-rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni fil-każ tal-ħalib u l-prodotti tal-ħalib ⁽²⁾, jistipula li l-esportazzjonijiet mill-Komunità ta' prodotti li għalihom tintalab rifużjoni fuq l-esportazzjoni għandhom ikunu soġġetti għall-preżentazzjoni ta' liċenzja ta' esportazzjoni.
- (2) Iżda, it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 1(1) tar-Regolament (KE) Nru 174/1999 jistipula wkoll li liċenzja ta' esportazzjoni trid tiġi ppreżentata għall-prodotti msemmija fin-Numru II tal-Anness I tiegħu, fejn ma ssirx applikazzjoni għal rifużjoni, għajr fil-każijiet imsemmija fl-ewwel u r-raba' inċiż tal-Artikolu 5(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1291/2000 ⁽³⁾.
- (3) L-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1291/2000 jistipula li ma għandix tkun meħtieġa liċenzja u tista' ma tiġix ippreżentata għall-finijiet ta' esportazzjonijiet b'rifużjonijiet ta' esportazzjoni marbuta *inter alia* ma' kwantitajiet żgħar li

ma jaqbżux dawk stabbiliti fl-Anness III ta' dan ir-Regolament.

- (4) Huwa xieraq, fejn esportazzjonijiet mingħajr rifużjonijiet ta' trab tal-ħalib xkumat, kif jissemma fin-Numru II tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 174/1999, jirrelataw ma' dawn il-kwantitajiet żgħar, li l-esportaturi jiġu eżentati mill-obbligu ta' liċenzja ta' esportazzjoni.
- (5) L-Anness III tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1291/2000 għandu għalhekk jiġi emendat skond dan.
- (6) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Ħalib u l-Prodotti tal-Ħalib,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fl-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 1291/2000, fi tmiem it-taqsimha tal-prodotti D, jiżdud it-test li ġej:

	Liċenzja ta' esportazzjoni mingħajr rifużjoni (Artiklu 1(1) it-tieni subparagrafu tar-Regolament (KE) Nru 174/1999)	
"0402 10"		150 kg"

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u huwa direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmula fi Brussell, 9 ta' Marzu 2006

Għall-Kummissjoni
Mariann FISCHER BOEL
Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 160, 26.6.1999, p. 48. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1913/2005 (ĠU L 307, 25.11.2005, p. 2).

⁽²⁾ ĠU L 20, 27.1.1999, p. 8. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 2107/2005 (ĠU L 337, 22.12.2005, p. 20).